# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 245/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edward Zammit)**

**vs**

**Darrin Muliett**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Darrin Muliett, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 376M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Dicembru, 2015, ghall-habta tat-15.30hrs, fi Triq Dun Luret Callus, Zebbug: 1)hebb ghal Lorna Muliett u kkagunalha griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha, hekk kif iccertifikat Dr. Jessica Camilleri, Med Reg. 5617; u 2) insulenta, jew hedded lil Lorna Muliett jew hekk kien provokat, ingurjaha b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Mejju, 2016 li biha sabet lill-imsemmi imputat Darrin Muliett hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija nhar l-4 ta' Mejju, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. A. Vella LL.D u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami li l-imputazzjonijiet qatt ma kellhom jirrizultaw fil-konfront tieghu u li jekk tirrizulta azzjoni kundannabbli fil-konfront tieghu allura hemm lok tal-applikazzjoni tad-difiza tal-provokazzjoni;
2. Illi jehtieg ghalhekk li jsir ezami approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha

setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Din il-Qorti semghet mill-gdid lix-xhieda *viva voce* stante li d-deposizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti mhix traskritta in atti. Qabel xejn, irid jinghad illi rrizulta palezi illi fiz-zmien tar-rapport li ta lok ghall-proceduri odjerni, l-appellant u l-kwerelanta kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u li bejniethom ghandhom tifla minorenni. L-appellant jahdem f'*workshop* li jinsab taht id-dar ta' ommu;

3. Issa, l-kwerelanta xehedet illi fid-data tal-incident, wara li spiccat mix-xoghol u fi triqitha d-dar, rceviet messagg minghand l-appellant illi hu kien gabar it-tifla mill-iskola. Dak il-hin stess, l-kwerelanta cemplitlu u avzatu li kienet niezla ghaliha u fil-fatt hekk ghamlet fejn allura malli waslet, dahlet fil-workshop u l-appellant avzaha li kien ser jitla biex igib it-tifla li dak il-hin kienet fid-dar ta' ommu sovrastanti l-*workshop.* Waqt li kienet tistenna barra l-bieb tad-dar t'ommu u fil-mument li kienet fuq it-tieni minn tlett targiet li hemm fuq barra u quddiem l-appellant, dan beda jghajjat u t-tnejn qabdu jargumentaw meta allura l-appellant imbottaha minn daharha u waqqaghha mal-art u spiccat fuq il-bankina fuq il-genb lemini taghha, qamet, dahlet fil-vettura taghha u l-appellant beda jghajjarha u jheddidha li kien ser joqtol lilha u lill-missierha u marret dritt l-ghassa tal-pulizija u c-centru tas-sahha;

4. Minn naha tieghu, l-appellant xehed illi kien ghadu kemm irritorna mill-esteru u peress illi kien ilu jumejn ma jara lit-tifla mar jigborha hu mill-iskola anke ghaliex l-kwerelanta kienet ghadha xoghol f'dak il-hin. Hin minnhom cemplitlu u avzatu li kienet ser tinzel ghaliha u meta wasslet dahlet b'rabja u ghajjat fil-*workshop*, fejn allura l-appellant qalilha li ma kienx hemm htiega ta' ghajjat u li kien ser jitla' jgib it-tifla. Waqt li t-tnejn telghin it-tarag, l-kwerelanta marret biex iddoqq il-qampiena izda l-appellant

qalilha li kellu c-cavetta, daret u waqghet u bdiet tallega li kien waqqaghha hu. L-appellant jichad li qatt mess lill-kwerelanta;

5. Ic-certifikat mediku ezebit mill-kwerelant jelenka l-offizi fuq il-persuna taghha konstatati mit-tabib li ezaminha u huma s-segwenti : Brix superficjali ta' centimetru fuq l-id il-leminija fuq quddiem u fuq wara; tbengila vjola b'nefha fuq il-polz tal-id il-leminija; ugigh f'daharha fil-livell tat-tnax-ir-rukkell u harqa supeficjali fuq in-naha ta' barra tal-koxxa tax-xellug. L-kwerelanta ezebiet ukoll tlett ritratti li hadet hi stess ta' tbengila fuq kuxtejha;

6. Minn dan ir-rakkont u mid-dettalji l-ohra li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taghmel sintesi taghhom huwa evidenti illi l-kwerelanta riedet titla' ghat-tifla hi billi ccempel il-qampiena tad-dar ta' omm l-appellant meta l-istess appellant wissiha biex ma tghamilx hekk ghaliex dak il-hin missieru kien rieqed u ghalhekk kien ser jiftah il-bieb hu stante li kellu c-cavetta. L-kwerelanta stess tikkonferma illi hija kienet fuq it-tieni targa quddiem l-appellant. F'dan ix-xenarju ta' rabja tal-kwerelanta u l-insistenza tal-appellant biex jinfilsa c-cavetta fil-bieb qabel ma l-kwerelanta ccempel il-qampiena, l-kwerelanta spiccat mal-art. Dwar l-offizi sofferti mill-kwerelanta ma hemm l-ebda dubju izda kemm dawn huma naxxenti minn azzjoni volontarja da parti tal-appellant hija ferm u ferm messa in dubju;

7. L-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant ghal reat ta' offizi volontarji fuq il-persuna tal-kwerelanta u mxiet fuq l-artikolu indikat mill-prosekuzzjoni, jigifieri l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali. Huwa minnu illi l-artikolu 638(1) abbinat mal-artikolu ta' qablu tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, jaghtu s-setgha lill-Qorti li tghazel hi minn mix-xhieda jidrilha li qed jghid il-verita' u li ghal dan il-ghan xhud, jekk emmnut, huwa bizzejjed biex jaghmel il-prova shiha tal-verita'. Issa, sabiex tasal ghal din il-konkluzzjoni jehtieg li jittiehed qies tal-kwadru kollu, tac-cirkostanzi partikolari f'dak il-mument. Jekk l-appellant warrab id il-kwerelanta minn fuq

il-buttuna tal-qampiena tad-dar tal-genituri tieghu u spiccat mal-art jista' jkun dovut ghal diversi fatturi fosthom ta' agir aggressiv da parti tal-appellant jew zbilanc da parti tal-kwerelanta kif qal wiehed mix-xhieda. Huma fatturi ohra imbaghad li jistghu jiddeterminaw x'kien il-hsieb tal-appellant f'dak il-hin bhala per ezempju diskrepanza bejn l-offizi sofferti mal-fatti kif rakkontati mill-kwerelanta li f'dan il-kaz tghid li l-appellant imbuttaha minn daharha minn zewg targiet gholi u spiccat fuq il-bankina. Fil-kaz hawn skrutinat hija certament mankanti l-prova tal-element volontarju kif rikjest fl-artikolu 214 u 221(1) tal-Kodici Kriminali u dan huwa ukoll evidenti mis-sanzjoni erogata mill-ewwel Qorti ghar-rejat daqstant serju ta' allegata vjolenza bejn koppja;

8. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma jressaq ebda ilment minkejja li jinkwadrah taht il-kappa tal-uniku aggravju tieghu. Id-deposizzjoni tal-kwerelanta mhix kontradetta u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tezamina f'aktar profondita'

9. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba limitatament dwar l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata fejn din sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni. Tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u f'dik il-parti li biha lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

10. Il-Qorti spjegat lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.